

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1825

tat-8 ta' Awwissu 2019

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex il-konċentrat tal-meraq tat-tuffieħ ikun inkluż bħala sustanza attiva fl-Anness I tiegħu

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Is-sustanza attiva l-konċentrat tal-meraq tat-tuffieħ, sa fejn din tikkostitwixxi ikel jew għalf maħsuba għall-użu bħala ikel jew għalf li jintużaw bħala sustanzi li jbiegħdu (repellents) u dawk li jattiraw (attractants) tat-tip ta' prodott 19, li tista' tibbenifika mid-deroga għall-ikel u għall-għalf prevista fl-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007 (²).
- (2) Ġiet ippreżżentata notifika skont l-Artikolu 16(5) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 (³) għall-konċentrat tal-meraq tat-tuffieħ għall-prodott tat-tip 19 li jibbenifika mid-deroga għall-ikel u għall-għalf. L-Aġenzijsa Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzijsa") iddkjarat li n-notifika hija konformi u infurmat lill-Kummissjoni dwar il-konformità skont l-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament. Għaldaqstant, il-konċentrat tal-meraq tat-tuffieħ għie inkluż għat-tip ta' prodott 19 fil-lista ta' taħħlitiet ta' sustanzi attivi/tipi ta' prodotti inklużi fil-programm ta' rieżami tas-sustanzi attivi eżistenti li jinsabu fil-prodotti bijoċidali (⁴).
- (3) Fil-31 ta' Jannar 2017 il-Kummissjoni talbet lill-Aġenzijsa għal opinjoni dwar jekk il-konċentrat tal-meraq tat-tuffieħ jaġħix lok għal tħassib skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.
- (4) L-opinjoni tal-Aġenzijsa (⁵) kkonkludiet li l-konċentrat tal-meraq tat-tuffieħ ma jaġħix lok għal tħassib u għalhekk huwa eliġibbli għall-inklużjoni fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.
- (5) Filwaqt li titqies l-opinjoni tal-Aġenzijsa, huwa xieraq li l-konċentrat tal-meraq tat-tuffieħ jiġi inkluż fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Peress li l-konċentrat tal-meraq tat-tuffieħ huwa ta' oriġini naturali, jenħtieġ li jiġi inkluż fil-kategorija 4 "Sustanzi ta' oriġini naturali użati tradizzjonalment". Il-konċentrat tal-meraq tat-tuffieħ jenħtieġ li jiġi inkluż f'dak l-Anness biss sakemm jaqa' taħt id-definizzjoni fil-punt (2) tal-Parti I tal-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE (⁶).
- (6) L-Artikolu 89(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 fih miżuri tranżizzjoni fejn sustanza attiva eżistenti inkluża fil-programm ta' ħidma għall-eżami sistematiku ta' sustanzi attivi eżistenti tiġi approvata f'konformità ma' dak ir-Regolament. Fir-rigward tal-konċentrat tal-meraq tat-tuffieħ għall-prodotti tat-tip 19, id-data tal-approvazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 89(3) ta' dak ir-Regolament jenħtieġ li tiġi stabbilita bħala dik tal-1 ta' Ġunju 2021, sabiex ikun hemm biżżejjed żmien biex l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni jitressqu f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 89(3) ta' dak ir-Regolament,

(¹) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

(²) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007 tal-4 ta' Diċembru 2007 dwar it-tieni fażi tal-programm ta' ħidma ta' 10 snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali (ĠU L 325, 11.12.2007, p. 3).

(³) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 tal-4 ta' Awwissu 2014 dwar il-programm ta' ħidma għall-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi bijoċidali kollha li jeżistu fil-prodotti bijoċidali msemmin fir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 294, 10.10.2014, p. 1).

(⁴) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/157 tas-6 ta' Novembru 2018 li jemenda l-Anness II tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1062/2014 dwar il-programm ta' ħidma għall-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi bijoċidali kollha li jeżistu fil-prodotti bijoċidali msemmin fir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 31, 1.2.2019, p. 1).

(⁵) Biocidal Products Committee (BPC) Opinion of 14 December 2017 on the eligibility of certain food and feed active substances for inclusion into Annex I to the BPR. [Opinjoni tal-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali (BPC) tat-14 ta' Diċembru 2017 dwar l-eliġibbiltà ta' certi sustanzi attivi fl-ikel u fl-ghalf għall-inklużjoni fl-Anness I tal-BPR], ECHA/BPC/186/2017.

(⁶) Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE tal-20 ta' Diċembru 2001 li tirrigwarda l-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum uman (ĠU L 10, 12.1.2002, p. 58).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Għall-finijiet tal-Artikolu 89(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, id-data tal-approvazzjoni tal-konċentrat tal-meraq tat-tuffieħ għall-prodotti tat-tip 19 hija l-1 ta' Ġunju 2021.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Awwissu 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, fil-Kategorija 4 tal-lista tas-sustanzi attivi msemmija fl-Artikolu 25(a), tiżdied l-entrata li ġejja:

Numru KE	Isem/Grupp	Restrizzjoni	Kumment
“Mhux disponibbli	Konċentrat tal-meraq tat-tuffieħ (*)	Minbarra l-konċentrat tal-meraq tat-tuffieħ li ma jaqax fi ħdan id-definizzjoni tal-punt (2) tal-Parti I tal-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE (**).	

(*) Id-data tal-approvazzjoni tal-konċentrat tal-meraq tat-tuffieħ għall-prodotti tat-tip 19 għall-finijiet tal-Artikolu 89(3) hija 1-1 ta' Ġunju 2021.

(**) Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE tal-20 ta' Diċembru 2001 li tirrigwarda l-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum uman (ĠU L 10, 12.1.2002, p. 58)."